MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Numru. 22/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**KONTRA**

**KEVIN CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kevin Camilleri ta’ 32 sena, bin Joseph u Rita nee’ Ellul, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-27 ta’ Ottubru, 1975, residenti fil-fond Camelot Flats, 2, Triq il-Karmnu, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita’ 498675(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli nhar is-7 ta' Jannar, 2006, ghall-habta tal-11.00 ta' fil-ghodu, fi Triq Ponsonby, Gzira, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Ignatius Fenech minn Tas-Sliema f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Ignatius Fenech, skond kif gie ccertifikat mit-Tabib Jonathan Joslin MD tal-Isptar San Luqa, liema offiza x'aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew mard permanenti tal-mohh ta' l-imsemmi Ignatius Fenech;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, spara arma tan-nar f'post pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, zamm u garr l-istess arma u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

7. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon xort'ohra mill-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-pulizija jew taht idejn il-persuna li taghti l-avviz, bi ksur tal-Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

In linea preliminari, il-Qorti tara li fl-Artikoli indikati mill-Avukat Generali, l-imputazzjoni tat-tentattiv ta’ omicidju ma gietx inkluza mal-imputazzjonijiet l-ohra, u ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tiskarta dik l-imputazzjoni daqs li kieku qatt ma inghatat.

Mill-provi prodotti irrizulta li fis-7 ta’ Jannar, 2006 l-imputat spara tir jew aktar fid-direzzjoni ta’ certu Ignatius Joseph Fenech u laqtu fi drieghu, liema griehi gew ikklassifikati bhala gravi, izda l-vittma qatt ma kienet f’perikolu li titlef hajjitha. Ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni dwar dan il-fatt tal-isparatura; il-kontestazzjoni hi biss dwar l-intenzjoni o meno tal-imputat jekk riedx verament joqtol jew iqieghed hajjet Fenech f’perikolu car. Illi ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tezamina l-provi l-ohra kollha biex tipprova tifhem x’kienet l-intenzjoni tal-imputat meta wettaq dan ir-reat hekk gravi.

Qabel xejn il-Qorti tghaddi biex tikkummenta li hija presunzjoni ghal kollox veritjera li min igorr arma hu intenzjonat li juzaha. Hadd m’hu ser igorr arma tan-nar ghal xejn b’xejn jew ghal li jista’ jkun. Il-Qorti hi konvinta li l-imputat kien qed igorr dik il-pistola biex ikun ippreparat ghal Fenech. Izda hawnhekk id-Difiza issollevat argument li l-Qorti sejra tikkunsidra.

Id-Difiza targumenta li Fenech kien qieghed jippersegwita u jbezza’ lill-imputat, tant li sahansitra Fenech gieli kien hedded li jaghmel offizi fuq l-imputat u fuq membri tal-familja tieghu. Kien ghalhekk, tghid id-Difiza, li l-imputat beda jgorr arma tan-nar fuqu, biex jiddefendi lilu nnifsu minn Fenech. In sostenn ta’ dan l-argument, id-Difiza rreferiet ghall-Artikoli 227(d) u 2243 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, u qalet li l-imputat agixxa in legittima difesa, jew fl-aghar ipostesi billi ecceda l-limiti tal-legittima difesa, izda qatt l-imputat ma ried joqtol jew iferi b’mod gravi lil Fenech.

Biex il-Qorti tqis sew dawn is-sottomissjonijiet tad-Difiza, trid bil-fors tezamina l-provi kollha inkluz dawk indizzjarji, biex tipprova tibni xena akkurata tad-delitt in kwistjoni. Mill-ezami tar-rapporti tal-esperti tal-Qorti nominate fl-inkjesta, irrizulta car li kien Fenech li, bil-vettura li kien qieghed isuq, saq ghal fuq l-imputat, probabilment biex ibezzghu jew idejjqu, jew forsi biex jolqtu jew iweggghu. Kienet x’kienet l-intenzjoni ta’ Fenech, dan saq ghal fuq l-imputat izda ma laqtux. Dan wara li Fenech stess ghadda diversi drabi bil-karozza minn fejn l-imputat. Ghalhekk il-Qorti tara li dakinhar tal-incident, bejn Fenech u l-imputat kien hemm certa tensjoni u atmosfera ta’ sfida.

Inoltre, fl-istqarrija tal-imputat, hu jaghti retroxena dettaljata ta’ x’wassal biex bejnu u Fenech nibtet din ir-rivalita’, u kif eskalat b’mod perikoluz. L-imputat jghid li kien ukoll qed jigi mhedded minn Fenech u kien beda jibza’ minnu, u kien ghalhekk li hu xtara arma tan-nar, halli jkun jista’ jiddefendi ruhu minn xi attakk ta’ Fenech. Din l-istqarrija tidher plawsibbli u verosimili, u ma gietx kontradetta mill-provi tal-Prosekuzzjoni. Illi ghalhekk l-argument ta’ legittima difesa naxxenti minn biza’ minn Fenech tista’ tinkwadra ruhha f’dan il-kuntest.

Il-Qorti qieset sew dan l-argument, u taqbel mad-Difiza biss sa certu punt. Huwa minnu li Fenech huwa bniedem maghruf sew mal-pulizija, u l-Qorti tista’ tippresumi li hu bniedem perikoluz ukoll. Izda dan bl-ebda mod ma jiggustifika l-garr – u aktar minn hekk l-uzu fil-pubbliku – ta’ arma tan-nar, sakemm biss ma kienx l-imputat qieghed jigi mhedded ukoll b’arma tan-nar. Il-Qorti tista’ tifhem li l-imputat seta’ kien imbezza’ minn Fenech u nhasad meta dan saq ghal fuqu, izda m’hix raguni li tiehu l-Ligi b’idejk u tispara pistola fid-direzzjoni tieghu. Huwa assolutament inaccettabbli u kundannabli l-agir tal-imputat f’dawn ic-cirkostanzi, u ghalhekk il-Qorti sejra ssibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti.

Madankollu, il-Qorti tara li hemm ragunijiet ghal temperament fil-piena. Fl-ewwel lok, u b'xorti tajba hafna, il-ferita sofferta minn Fenech kienet wahda gravi per durata, kif giet iccertifikata mill-espert tal-Qorti (vice DOK MS 1 ezebiet fil-process a fol 175, pagna 18 tar-rapport), u ghalhekk, ghalkemm l-Avukat Generali indika l-Artikolu 218 ghall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-offiza, din taqa' taht l-Artikolu 216, liema offiza hija minuri ghal dik indikata fl-Artikolu precitat, u hija kompriza u involuta fiha. Inoltre, tajjeb jew hazin, Fenech kien xehed li qed jahfer lill-imputat tal-akkadut, u dan xehedu waqt is-seduta quddiem din il-Qorti. Ghalkemm f'reat bhal dan ma jistax ikun hemm rinunzja mill-vittma, xorta dan l-agir ta' Fenech ghadu jigi kkunsidrat mill-Qorti fil-konsiderazzjoni tal-piena.

Fl-ahhar lok, il-Qorti rat il-fedina penali netta tal-imputat, u rat ukoll l-istqarrija tal-imputat, fejn dan ammetta 'a tempo vergine' u ghen bis-shih lill-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha. Illi dan iwassal lill-Qorti biex tqis li l-imputat m'huwiex it-tip li ha jfittex intenzjonalment li jwettaq delitt bhal dan, izda xorta zbalja bil-kbir billi garr arma tan-nar fuqu biex jiddefendi lilu nnifsu mit-theddid ta' Fenech.

Issa, ghal dak il jirrigwarda piena, ghall-offiza gravi biss ai termini tal-Artikolu 216, kif aggravata peress li saret b'arma tan-nar ai termini tal-Artikolu 217, il-piena hi ta' prigunerija bejn hames (5) xhur u erba' (4) snin. Tenut kont tal-iskuzanti tal-biza', ai termini tal-Artikolu 230(d) u 233(1)(a), il-piena tonqos u taqa' fil-parametri ta' ghoti ta' sentenza sospiza. Rigward il-kumplament tal-imputazzjonijiet li jirrigwardaw il-pussess, il-garr, l-uzu ta' arma fl-abitat minghajr permess jew licenzja tal-pulizija, il-piena ser tigi assorbita f'dik tar-reat l-aktar gravi.

Ghal dawn il-motivi;

Wara li rat l-Artikoli 214, 216 217, 218, 223, 227(d), 230(d), 233(1)(a) tal-Kodici Kriminali;

L-Artikoli 24(2), 29, u 33(1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta (illum l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta);
L-Artikolu 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta (illum l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta);
L-Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta (illum l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta);
L-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni;
Issib lill-imsemmi imputat Kevin Camilleri hati tal-imputazzjonijet l-ohra, u ghaldaqstant tikkundannah ghal tmintax(18)-il xahar prigunerija, sospizi ghal tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------